MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 90/2013

**Mobisle Communications Ltd**
**C 24655**

**Vs**

**Lofreda Terence**
**ID 482985M.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta' Frar, 2013 fejn is-socjeta' attrici tablet illi 'l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici 's-somma ta' elf, mitejn u wiehed u sittin ewro u sebghin centezmu (€1,261.70) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C51051062 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 – estratt mir-Regisrtu Elettorali, u Dok IZY4 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi 'l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fl-24 ta' Marzu, 2013 fejn eccepixxa 'lli t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-intimat ma kienx f'posizzjoni psikologika adegwata  kif trid il-ligi biex jiffirma kuntratt mal-attrici (Sec. 967 Kodici Civili);

Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.

Xehdet Vicky Scicluna li spjegat is-sitwazzjoni tal-konvenut. Gie pprezentat ukoll certifikat tal-psikjatra Dr Anthony Dimech li spjega illi l-konvenut illu bi problemi psikjatri ghal sitt snin liema perjodu taqa' fih id-data fejn il-konvenut ghamel il-kuntratt mas-socjeta' attrici.

A bazi ta' dan ic-certifikat kif ukoll minhabba l-fatt li l-konvenut stess spjega kif setgha l-qadgha tieghu t-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut ma kienx f'qadgha mentali li jikkuntratta.

Ghalhekk u ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad it-talba attrici.

Kawza tibqa' bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------